## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 298/2023: **NIGEL SCERRI (KI. 381083M) U ENNESSEE LIMITED (C100083) V. SR ENVIRONMENTAL SOLUTIONS LIMITED (C51243)**

(L-EFFETT TA' KLAWZOLA KOMPROMISSORJA FUQ IL-GURISDIZZJONI TAL-QRATI CIVILI – ART. 15(3) TAL-KAP. 387)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28 ta' April 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Nigel Scerri (hawn imsejjaħ "ir-rikorrent" jew "ir-rikorrent Scerri") u Ennessee Limited (hawn imsejjħa "il-kumpanija rikorrenti" u flimkien mar-rikorrent Scerri, msejjħa "ir-rikorrenti") ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2023[1] li permezz tiegħu talbu lil SR Environmental Solutions Limited (hawn imsejjħa "l-intimata" jew "il-kumpanija intimata") sabiex tidher fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid l-għaliex m'għandiex tiġi kkundannata li:

> **'tħallas lir-rikorrenti is-somma komplessiva ta' ħames elf sitt mija u tnejn u disgħin ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€5,692.21), rappreżentanti diversi fatturi dovuti għal servizzi reżi mir-rikorrenti fuq inkarigu u skond l-istruzzjonijiet tas-soċjeta' intimata, u dan kif dettaljat fir-rendikont hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. EL1' kif ukoll fil-fatturi kostituttivi hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok. EL2' sa 'Dok. EL4', u fis-*Secondment Agreement* iffirmat bejn il-partijiet u datat 3 ta' Awwissu, 2022.**

[1] Fol 1-5

**Bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' meta l-ammonti kostituttivi hawn reklamati saru dovuti sad-data tal-pagament effettiv tal-ammont globali hawn reklamat fl-intier tiegħu, kontra s-soċjeta' intimata, u bl-ingiunzjoni ta' rappreżentant debitament awtorizzat tal-istess soċjeta' intimata, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni tiegħu.'**

wara li rat ir-risposta tal-kumpanija intimata ppreżentata fil-31 ta' Jannar 2024[2] li permezz tagħha laqgħet għat-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

**'1. Illi din hija risposta tas-soċjeta' SR Environmental Solutions Limited [minn hawn il-quddiem 'SR'] u dana wara r-rikors intavolat minn Nigel Scerri [minn hawn il-quddiem 'NS'] u Ennessee Limited [minn hawn il-quddiem 'Ennesse'] nhar it-12 ta' Diċembru 2023;**

**2. Illi preliminarjament, SR tgħid li qatt ma kellha relazzjoni mas-soċjeta' attriċi Ennesse, u per konsegwenza ma hemm l-ebda bilanċ hekk dovut – illi in kwantu dan il-punt, id-dokumenti annessi bħala DOK EL1, EL2, EL3 u EL4 juru li r-relazzjoni kienet ma' Nigel Scerri, u għalhekk l-atturi għandhom jagħtu spjega dwar l-allegat bilanċ dovut – fuq dan il-punt, is-soċjeta' SR tirriżerva li tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri wara li tingħata l-ispjega;**

**3. Illi preliminarjament, din l-Onorabbli Qorti m'għandha l-ebda kompetenza sabiex tisma' l-kawża de quo stante li Dok. EL2 u Dok. EL4 jirrelataw għas-Secondment Agreement datat 3 ta' Awwissu 2022 fejn klawżola 8 ta' dan il-ftehim tistipula bl-aktar mod ċar li kwalunkwe diverġenzi għar-rigward dan l-imsemmi ftehim għandhom jiġu riferuti u deċiżi miċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta. Kopja ta' dan il-ftehim hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;**

**4. Illi preliminarjament, in vista ta' punt numru 3 ta' din ir-risposta, l-ammont pretiż permezz ta' Dok. EL3, cioe' l-ammont ta' €1,846.29 jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar u mhux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati;**

**5. Illi ulterjorment u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' SR tiċħad il-fatt u fid-dritt il-kontenut tar-rikors hawn fuq sopraċitata u dana stante li l-istess soċjeta' kienet ilmentat li s-servizz ma kienx tal-kwalità pattwita, u li minħabba varji nuqqasijiet l-istess soċjeta' SR kienet sofriet danni sostanzjali [ara kontro-talba intavolata kontestwalment];**

**6. Illi minkejja li SR interpellat lil NS varji drabi, NS baqgħet inattentiment u minflok ipproċediet sabiex tintavola l-proċeduri odjerni;**

**7. Illi f'kull każ, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont jekk jiġi stabbilit li huwa dovut minn SR għandu jiġi paċut mal-ammont dovut lil SR, u dana ai termini ta' artikolu 1196 tal-Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta.'**

[2] Fol 12-18

wara li rat il-kontrotalba ppreżentata mill-kumpanija intimata fil-31 ta' Jannar 2024[3] li permezz tagħha ppremettiet u talbet dak li ġej:

**'1. Illi jeżistu r-rekwiżiti kontemplati mill-Artikoli 396 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex issir rikonvenzjoni mill-esponenti intimata peress illi l-espondenti rikonvenzjonant fil-fatt tixtieq tinqeda b'dawn il-proċeduri sabiex tipproponi l-kontrotalba tagħha;**

**2. Illi s-soċjetà' SR Environmental Solutions Limited [minn hawn il-quddiem 'SR'] daħlet f'arranġament datat l-1 ta' Novembru 2019 ma' Nigel Scerri [minn hawn il-quddiem 'NS'] fejn tal-aħħar ipprometta li jreendi varji servizzi lil SR. Kopja ta' dan l-arranġament anness u mmarkat bħala Dok. B;**

**3. Illi l-partijiet qablu li f'kaz ta' disputa, din għandha tiġi riżolta quddiem il-Qrati, kif gej:**

> **"This engagement letter shall be governed by, and construed in accordance with the Maltese law. The Courts of Malta shall have exclusive jurisdiction in relation to any claim, dispute or difference concerning the engagement letter and any matter arising from it. Each party irrevocably waives any right it may have to object to an action being brought in those Courts, to claim that the action has been brought in an inconvenient forum, or to claim that those courts do not have jurisdiction"**

**4. Illi SR, *inter alia* permezz ta' ittri u skambji elettroniċi, interpellat varji drabi lil NS sabiex jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet tiegħu liema nuqqasijiet jikkonsistu f'li hu m'għamilx ix-xogħol pattwit skont l-imsemmi arranġament datat l-1 ta' Novembru 2019 u konsistenti f'danni u spejjeż konsegwenzjali li SR spiċċat tkun inkorriet peress li NS m'għamilx ix-xogħol imwiegħed minnu. Minkejja varji interpellazzjonijiet NS baqa' inadempjenti;**

**Jgħid għalhekk Nigel Scerri qua attur rikonvenzjonat għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:**

**i. Taqta' u tiddeċiedi illi l-istess Nigel Scerri huwa responsabbli għad-danni kkaġunati lill-esponenti soċjetà' intimata minħabba l-aġir, komportament u nuqqasijiet tiegħu;**

**ii. Tillikwida, okkorrendo permezz ta' periti u esperti nominandi, id-danni sofferti mis-soċjetà' intimata minħabba l-ksur da parti tal-attur rikonvenzjonat msemmmi fl-ewwel talba;**

**iii. Tiddikjara u tiddeċiedi illi Nigel Scerri huwa debitur fil-konfront tas-soċjetà' esponenti għas-somma hekk likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti;**

**iv. Tikkundanna lil Nigel Scerri iħallas is-somma hekk likwidata;**

[3] Fol 19-26

**Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-istess Nigel Scerri, li qiegħed minn issa jiġi inġunt in subizzjoni.'**

wara li rat ir-risposta tar-rikorrenti ppreżentata fil-15 ta' Frar 2024[4] li permezz tagħha laqgħu għall-kontrotalba mressqa mill-kumpanija intimata, kif ġej:

**'1. Illi, preliminarjament, din il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza *ratione valoris* rikjesta sabiex tiddetermina t-talbiet rikonvenzjonali stante illi tali talbiet jinkludu kundanna ta' ħlas ta' ammont *da liquidarsi*, u għaldaqstant għall-kundanna ta' ħlas ta' ammont inċert u/jew indeterminat a tenur, *inter alia*, tad-dettami tal-Artikolu 747(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet rikonvenzjonali huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt;**

**3. Illi kuntrarjament għal dak allegat mis-soċjetà' rikonvenzjonanti u kif ser jirriżulta fil-kors ta' din il-kawża l-atturi rikonvenzonjati pprestaw is-servizzi tagħhom lis-soċjetà' rikonvenzjonanti bi professjonalita', b'diliġenza u b'perizja u ma hu minnu xejn illi kienu inadempjenti jew karenti f'dan ir-rigward;**

**4. Illi s-soċjetà rikonvenzjonanti għandha tidentifika b'mod dettaljat x'inhuma n-nuqqasijiet li tallega fir-raba' premessa tar-rikors rikonvenzjonali u tispjegahom;**

**5. Illi, hekk kif ser jirriżulta f'din il-kawża, kienet is-soċjetà rikonvenzjonanti stess li ma pprestatx id-debita attenzjoni u wriet traskuraġni fir-relazzjonijiet tagħha mal-impjegati tagħha stess. Għal dan jista' jingħad biss *imputet sibi*, u konsegwentement, għandha tweġeb solament u esklussivament l-istess soċjetà rikonvenzjonanti;**

**6. Illi mingħajr preġudizzju għal dak eċċepit, is-soċjetà' rikonvenzjonanti għandha ġġib provi tal-allegati danni u spejjeż li tallega li sofriet. Apparti minn hekk l-istess soċjetà' rikonvenzjonanti għandha turi, kif inhu obbligu tagħha f'tali ċirkonstanzi, kif imminimizzat kwalsiasi allegat dannu jew spiża allegatament imġarrba.'**

wara li rat li fis-seduta tad-29 ta' April 2024 il-Qorti iddiferiet il-kawża għat-3 ta' Ġunju 2024 għall-provi kollha tal-partijiet u għat-trattazzjoni fuq l-eċċezzjonijiet preliminari numru tnejn (2) u tlieta (3)[5],

wara li rat li l-kumpanija intimata straħet fuq il-provi dokumentarji li kienet ippreżentat mar-risposta filwaqt li r-rikorrenti ppreżentaw *affidavit* maħluf tar-rikorrent Scerri,

---

[4] Fol 28-29
[5] Fol 32

wara li semgħet it-trattazzjoni bil-fomm fuq l-istess eċċezzjonijiet preliminari magħmula fis-seduta tas-17 ta' Frar 2025 għan-nom

- tal-kumpanija intimata, mill-Avukat Dr. Matthew Paris, u
- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. Alan Zerafa,

wara li rat li wara l-imsemmija trattazzjoni l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq dawn l-eċċezzjonijiet preliminari,

qed tagħti din is-

**Sentenza parzjali**

1. Fil-qosor il-fatti tal-kawża li huma rilevanti f'dan l-istadju huma kif ġej:

    1. Bejn il-partijiet teżisti relazzjoni kuntrattwali msejsa fuq żewġ kuntratti separati:

        i. Kuntratt datat **<u>01/11/2019</u>** (magħruf bħala "*Engagement Letter*") bejn ir-rikorrent Scerri fuq naħa (bħala l-appaltatur li tramite id-ditta tiegħu jipprovdi servizzi relatati ma' *accountancy*) u l-kumpanija intimata (bħala l-appaltant/kommittent li tirċievi x-xogħol) versu l-prezz ta' elf euro (€ 1,000) fix-xahar eskluż il-VAT (b'żied ta' 5% kull sena)[6].

        ii. Kuntratt datat **<u>03/08/2022</u>** (magħruf bħala "*Secondment Agreement*") bejn il-kumpanija rikorrenti fuq naħa u l-kumpanija intimata fuq in-naħa l-oħra, li permezz tiegħu tal-ewwel intrabtet għal tlett snin li tassenja impjegat minn tagħha lill-intimata għal 40 siegħa fil-ġimgħa versu l-prezz ta' € 1,900 fix-xahar (eskluż il-VAT) għall-ewwel sena, € 2,070 fix-xahar (eskluż il-VAT) għat-tieni sena u € 2,200 fix-xahar (eskluż il-VAT) għat-tielet sena.[7]

    2. Għal raġuni jew oħra (f'dan l-istadju mhuwiex rilevanti li l-Qorti tindaga għalfejn) il-kumpanija intimata baqgħet ma ħallsietx tlett fatturi maħruġa mir-rikorrent Scerri relatati ma dawn iż-żewġ kuntratti fl-ammont totali ta' €5,692.21:

---

[6] Fol 23-26
[7] Fol 16-18

i. Fattura NS 774/23 datata 31 ta' Ottubru 2023 għall-ammont ta' € 2,242 (inkluż il-VAT) għall-assenjament tal-impjegat tal-kumpanija rikorrenti lil dik intimata matul ix-xahar ta' Ottubru 2023 abbażi tas-*Secondment Agreement* tat-03/08/2022[8];

ii. Fattura NS 840/23 datata 13 ta' Novembru 2023 għall-ammont ta' € 1,846.29 (inkluż il-VAT) għal servizzi relatati ma' applikazzjoni għall-iskema *Microinvest,* ċertifikati tal-*Jobsplus* u spejjeż tal-*Malta Business Registry* mogħtija mir-rikorrent Scerri abbażi tal-*Engagement Letter* tal- 01/11/2019[9];

iii. Fattura NS 835/23 datata 30 ta' Novembru 2023 għall-ammont ta' € 1,603.92 (inkluż il-VAT) għall-assenjament tal-impjegat tal-kumpanija rikorrenti lil dik intimata matul l-ewwel sitt ijiem ta' Novembru 2023 (flimkien ma' talba għal leave li ma ttieħidx) abbażi tas-*Secondment Agreement* tat-03/08/2022[10];

3. Iż-żewġ kuntratti fihom klawżola li tiddetermina quddiem liem *forum* għandhom imorru l-partijiet f'każ li tqum tilwima bejniethom:

i. Fil-kuntratt ossia *Engagement Letter* datat **01/11/2019** bejn ir-rikorrent Scerri u l-kumpanija intimata hemm klawżola li *inter alia* taqra kif ġej:

"The Courts of Malta shall have exclusive jurisdiction in relation to any claim, dispute or difference concerning the engagement letter and any matter arising from it."

ii. Fil-kuntratt ossia *Secondment Agreement* datat **03/08/2022** bejn il-kumpanija rikorrenti u l-kumpanija intimata hemm klawżola li *inter alia* taqra kif ġej:

---

[8] Fol 3
[9] Fol 4
[10] Fol 5

> "All disputes or differences which at any time arise between the parties to this Agreement or its construction or effect or the rights, duties, liabilities of the parties under or by virtue of it or otherwise any matter in any way connected with or arising out of the subject matter of this Agreement shall be referred to final and binding arbitration at the Malta Arbitration Centre in accordance with Part IV of the Arbitration Act (Cap. 387, laws of Malta). The parties hereby expressly exclude any right to appeal from a final award by the arbitral tribunal as aforesaid, whether such appeal is on point of law or otherwise."

2. Fir-risposta tagħha l-kumpanija intimata qajjmet b'mod preliminari (i) l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn il-kumpanija rikorrenti u l-kumpanija intimata billi l-prospett u l-fatturi jidhru li nħarġu mir-rikorrent Scerri, (ii) l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza fid-dawl tal-klawżola arbitrali tas-*Secondment Agreement,* (iii) l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza *ratione valoris* stante illi l-ammont pretiż fil-fattura NS 840/23 datata 13 ta' Novembru 2023 taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar. Imbagħad fil-mertu l-intimata sostniet li (i) l-ammont mitlub m'huwiex dovut stante illi s-servizzi mogħtija lilha ma kienux tal-kwalità pattwita, u (ii) li jekk hemm xi ammont dovut dan għandu jiġi paċut mal-ammont dovut lill-intimata bħala danni li dwarhom saret kontrotalba. Fil-kontrotalba l-intimata talbet lill-Qorti tillikwida d-danni sofferti minnha minħabba l-allegat nuqqasijiet tar-rikorrent Scerri u sabiex tikkundannah iħallasha l-ammont hekk likwidat. Ir-rikorrenti wieġbu għall-kontrotalba billi qajjmu (i) b'mod preliminari l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza *ratione valoris* minħabba li t-talba tirrigwarda ammont *da liquidarsi* u għalhekk inċert, (ii) fil-mertu numru ta' eċċezzjonijiet oħra fosthom illi x-xogħol sar sew, li *semmai* kienet l-intimata li kienet traskurata u li f'kull każ din għandha tipprova d-danni allegati minnha.

3. Din is-sentenza titratta biss l-eċċezzjonijiet numru tnejn (2) u tlieta (3) sollevati mill-intimata fir-risposta tagħha dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti li tisma' din il-kawża (it-tieni waħda minħabba l-klawżola arbitrali u t-tielet waħda minħabba l-valur)

4. Ai termini tal-Art. 730 tal-Kap. 12:

> **'730. L-eċċezzjoni ta' <u>inkompetenza</u> jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, <u>arbitraġġ</u>, res judicata, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu.'**

5. Id-determinazzjoni ta’ dawn l-eċċezzjonijiet timxi qabel l-oħrajn kollha, għaliex huwa evidenti li jekk xi waħda minnhom tintlaqa’, il-Qorti ma tkunx tista’ tkompli tqis it-talbiet tar-rikorrenti (inkluż l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-intimata) u l-kontrotalba tal-intimata (inkluż l-eċċezzjonijiet għaliha mressqa mir-rikorrenti), tal-inqas f’dan l-istadju.

**Eċċezzjoni numru tnejn - klawżola arbitrali**

*Ġenerali*

6. M’hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li tnejn mit-tlett fatturi li tagħhom qed jintalab il-pagament mir-rikorrenti nħarġu għal servizzi regolati mis-*Secondment Agreement* datat 03/08/2022 liema ftehim jorbot lill-partijiet sabiex *inter alia* jirreferu kwalsiasi tilwima jew differenzi ta’ bejniethom dwar is-suġġett tal-ftehim liċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ ai termini ta’ Parti IV tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387).

7. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Antoine Portelli et v. Graham Testa** (PA, Rik 972/20 TA, deċiż 15/07/2021):

> “**7.** Dwar l-effett ta’ klawsoli arbitrali, il-Qrati tagħna dejjem kienu konstanti u saħansitra anke evolvew duttrina li maż-żmien anke sabet rifless fil-liġijiet tagħna. Klawsola bħal din tippostula sitwazzjoni preċiża li fiha l-partijiet fil-kuntratt ta’ jistabilxxu kif għandha tkun, riżolta disputa, b’mezzi alternattivi għal dawk konvenzjonali u ordinarji, f’dan il-każ permezz ta’ arbitraġġ. Imma il-Qrati, anke minħabba r-rikonoxximent Kostituzzjonali tagħhom, ma jridux li l-kompetenza u ġurisdizzjoni tagħhom tiġi imwarrba għal kollox u li sa fejn ikun meħtieġ huma dejjem jibqgħu f’posizzjoni li jiskrutinaw tali kalwsoli arbitrali.
>
> **8.** A propositu tal-kontenut u l-portata ta’ din tal-klawsola fuq imsemmija, u dan anke fid-dawl ta’ ċerta ġurisprudenza, irid jingħad li l-Qrati tagħna dejjem ammettew il-validita` tal-klawsola arbitrali li tiġi miftehma bejn il-partijiet u li allura tneħħi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti, salv ir-rimedju ġudizzjarju wara l-arbitraġġ, jekk ikun il-każ (**Ara Kolleż. Vol. XXV P I p 1071, Vol. XXVIII P I p 674 u Vol. XXXIII P III p 509**). Ġaladarba hija klawsola kompromissorja, din intrinsikament tidderoga għall-ġurisdizzjoni ordinarja ta’ dawn il-Qrati u tati lok għall-eċċezzjoni ta’ inkompetenza. Dan ifisser, li jekk waħda mill-partijiet tipproċedi quddiem il-qorti ordinarja, l-konvenut jista’ bi dritt jopponi billi jissofferma l-inkompetenza tal-Qorti ordinarja u jinsisti fuq l-arbitraġġ...”

8. Kif ingħad fil-Plenarja waqt id-dibattitu li ppreċeda d-dħul tal-Att II tal-1996, ossia’ l-Att li permezz tiegħu ddaħħlet fis-sistema legali tagħna liġi *ad-hoc* dwar l-arbitraġġ (Kap. 387):

> "**ONOR. JOE FENECH:** Mr Speaker, din hija liġi ta' importanza massima u miżura kkontemplata fir-riforma ta' l-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja li permezz tagħha qegħdin nagħtu ħajja ġdida lill-Istitut ta' l-Arbitraġġ kif ikkontemplat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u li kważi qatt ma ntuża, jew intuża, rarament. L-għan ta' l-Istitut ta' l-Arbitraġġ huwa biex inaqqas il-kawżi mill-qrati tagħna u jiftaħ triq ġdida sabiex il-kwestjonijiet bejn il-partijiet ikunu jistgħu jiġu rranġati barra mill-qrati...
>
> ... Din il-liġi fil-fatt tikkrea mod effikaċi, effettiv u modern biex tħajjar lill-pubbliku u l-avukati li jużaw din l-istruttura għax tagħti ġustizzja fil-ħin u tgħin biex wieħed jasal għal arranġament barra mill-qrati. L-għan li bih qegħdin nippreżentaw dan l-Abbozz ta' Liġi fejn jirrigwarda l-Arbitraġġ Domestiku huwa li nikkrejaw sistema effiċjenti ta' ġustizzja barra mill-Qrati ordinarji biex l-avukati u l-partijiet jitħajru dejjem aktar li jagħżlu s-sistema ta' arbitraġġ...
>
> ... l-Abbozz li qed nipproponu qed jittratta r-regoli dwar l-arbitraġġ domestiku b'mod serju u b'mod komprensiv li għandu jipira fiduċja u jinċentiva kemm lill-avukati kif ukoll lill-partijiet biex dawn jirreferu  kwestjonijiet u problemi quddiem iċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ minflok ma jeħduhom quddiem il-qorti. Din għandha tkun miżura li tgħin biex jitħaffef ix-xogħol tal-qorti u jonqos il-piż minn fuq l-imħallfin li jiddeċiedu affarijiet li jista' jiddeċidiehom ħaddieħor u b'hekk il-qrati jibqgħu għall-użu ta' affarijiet importanti fejn ma tistax tinstab soluzzjoni b'mod ieħor."[11]

*X'għandha tagħmel Qorti meta f'kawża miftuħa quddiemha tiġi eċċepita l-eċċezzjoni tal-arbitraġġ*

9. Skont l-Artikolu 742(3) tal-Kap. 12 ("Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili"):

> **'742 (3). Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili <u>mhijiex eskluża</u> mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le, f'liema każ il-qorti, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, <u>għandha twaqqaf</u> il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva.'**

10. Imbagħad l-Art. 15(3) tal-Kap. 387 ("L-Att dwar l-Arbitraġġ") jipprovdi hekk:

---

[11] IS-SEBA' PARLAMENT: Seduta Nru. 402, It-Tnejn, 13 ta' Marzu, 1995 (Il-Kamra tad-Deputati, il-Palazz, il-Belt Valletta) p. 60-62

> **’15 (3). Minkejja kull dispożizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta’Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta’arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f’qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta’ arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta’ dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għall-arbitraġġ, kull parti f’dawk il-proċedimenti legali tista’ f’kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta’ arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti. Rikors jista’ jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta’ riżoluzzjoni ta’ kwistjonijiet.”**

11. Bis-saħħa tal-artikoli fuq imsemmija joħroġ biċ-ċar illi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti ma tiġix imwarrba għal kollox meta tiġi invokata klawżola arbitrali għaliex il-Qrati dejjem għandhom il-poter jissindakaw jekk il-ftehim ta’ arbitraġġ ikunx sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla li jinkludi stħarriġ *inter alia* dwar jekk il-każ li jkollha quddiemha l-Qorti ikunx dwar tilwima jew disputa milquta bil-ftehim, jew inkella jekk il-persuna li tkun qajjmet l-eċċezzjoni tal-arbitraġġ tkunx hi stess bl-għemil tagħha irrinunzjat għall-arbitraġġ.

12. Proprju dwar dan l-aħħar punt tinsorġi waħda mill-iktar kwistjonijiet li qajjmet kontroversja, kemm fil-qrati tagħha u kemm fi qrati barranin, ċioe sa’ meta, u kif, jista’ parti li jinvoka klawżola arbitrali jitlob lill-Qorti sabiex twaqqaf il-proċedimenti.

13. L-Att dwar l-Arbitraġġ huwa msejjes fuq il-“*Mudell ta’ Liġi UNCITRAL fuq l-Arbitraġġ Kummerċjali Internazzjonali*” (1985) u l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 huwa filfatt mibni fuq l-Artikolu 8(1) tal-Mudell ta’ Liġi UNCITRAL li jipprovdi kif ġej:

> **‘8 (1) A court before which an action is brought in a matter which is the subject of an arbitration agreement shall, if a party so requests not later than when submitting his first statement on the substance of the dispute, refer the parties to arbitration unless it finds that the agreement is null and void, inoperative or incapable of being performed.’**

14. Mad-daqqa t’għajn għalhekk dak li jitlob il-Mudell ta’ Liġi UNCITRAL huwa illi l-parti li tinvoka l-klawżola arbitrali tagħmel hekk mhux iktar tard minn meta tippreżenta fil-Qorti l-ewwel att li jikkonċerna is-sustanza tat-tilwima. F’dan ir-rigward ingħad is-segwenti:

"Article 8 was perceived as expressing a universal general principle that was fundamental to international arbitration ... While there was no contention that a party could not be allowed to invoke the arbitration agreement following his or her submission of the first statement on substance, it was felt that the court should not be empowered *ex officio* (i.e. without request) to refer the parties to arbitration. It was pointed out that submission 'of the first statement on substance' corresponds to a specific point in time that 'should be taken literally and applied uniformly in all legal systems, including those which normally regard such a request as a procedural plea to be raised at an earlier stage than any pleadings on substance'. Moreover, it was recognised that failure to invoke the arbitration agreement should have wider repercussions, but a proposal to formulate these in the Model Law was rejected because 'it would be impossible to devise a simple rule which could satisfactorily deal with all the aspects of this complex issue'...

This is a procedural requirement demanded under paragraph 1 of article 8 of the Model Law. The language seems to suggest that the requirement is a strict one and this is indeed the case. This necessarily gives rise to a presumption of waiver and estoppel in situations where the respondent's submission is untimely. Nonetheless, two considerations are pertinent. First, the *lex arbitri* may well stipulate that the prescribed time limit may be different for the parties in multi-party proceedings or provide further exceptions in particular circumstances. Moreover, the *lex arbitri* may assume that the respondent has satisfied his or her obligation by any notice submitted prior to a first statement or response to one, if any (such as an extra-judicial communication), or by stating its intention generally, but not through any particular form. It should be noted that the term 'first statement' has been described in pertinent case law as a 'statement on the substance of the dispute'. Hence, statements or actions relating to procedural matters, such as an application for discovery of documents, do not qualify as 'first statements'. Second, if both parties subsequently expressed their desire for the dispute to be referred to arbitration, a determination that the court's hands were tied would no doubt violate party autonomy.

Hence, a sensible reading of the timeliness requirement imposes upon the courts an obligation to: (1) refuse referrals where none of the parties has expressed an intention to honour the arbitration agreement no later than their first statement; (2) refer the dispute to arbitration where one of the parties has clearly expressed such intention, although not formally and in circumstances where it would be unjust not to do so; and (3) refer the dispute to arbitration without further consideration where both parties so desire, even if they have both failed to express such desire following their submission of statements and counterstatements.

US case law is confusing on this matter and the various circuits have often offered differing views. The timeliness of the referral request is not treated as a matter of arbitrability and the

Texas Supreme Court has held that whether or not the claimant has waived his right to arbitration should be assessed by the arbitral tribunal. Such an approach, although consistent with the competence-competence principle, is not clearly within the authority of the court seized. Article 8(1) does not provide authority to the court to refer to the tribunal the question of its own jurisdiction, but may only compel arbitration as to the merits of the dispute, having itself dispensed with the jurisdictional issue."[12]

15. Fil-liġi Ingliża sewwasew fl-Arbitration Act 1996 l-Artikolu 9 jipprovdi kif ġej:

**"9(1). A party to an arbitration agreement against whom legal proceedings are brought (whether by way of claim or counterclaim) in respect of a matter which under the agreement is to be referred to arbitration may (upon notice to the other parties to the proceedings) apply to the court in which the proceedings have been brought to stay the proceedings so far as they concern that matter.**

**(2) An application may be made notwithstanding that the matter is to be referred to arbitration only after the exhaustion of other dispute resolution procedures.**

**(3) An application may not be made by a person before taking the appropriate procedural step (if any) to acknowledge the legal proceedings against him or <u>after he has taken any step in those proceedings to answer the substantive claim</u>.**

**(4) On an application under this section the court shall grant a stay unless satisfied that the arbitration agreement is null and void, inoperative, or incapable of being performed...**"

16. Dwar il-kliem *"has taken any step in those proceedings to answer the substantive claim"* ingħad is-segwenti fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Frar 2002 mill-Court of Appeal (Civil Division) fl-ismijiet **<u>Capital Trust Investments Ltd v Radio Design TJ AB</u>**[13]**:**

"The step must be one which impliedly affirms the correctness of the [court] proceedings. Three requirements must be satisfied:

---

[12] Bantekas, I. *et al.* (2020) *UNCITRAL Model Law on International Commercial Arbitration: A Commentary*. Cambridge: Cambridge University Press.
[13] [2002] EWCA Civ 135

1. the conduct of the party must be such that it demonstrates that they have elected to abandon their right to a stay of court proceedings, in favour of allowing them to proceed;
2. the act in question is one which has the effect of invoking the jurisdiction of the court; and
3. the party <u>has not specifically stated that they intend to seek a stay</u>."

17. Kif ġa rajna, il-liġi tagħna ossia l- Art. 15(3) tal-Kap. 387 ("L-Att dwar l-Arbitraġġ") titlob illi t-talba lill-Qorti sabiex twaqqaf fil-proċediment issir "**f'kull żmien <u>qabel</u> ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti".** Mad-daqqa t'għajn din timponi fuq il-parti li tkun trid tinvoka l-klawżola arbitrali illi tagħmel hekk (permezz ta' rikors) **<u>qabel</u>** ma tressaq ir-risposta tagħha u mhux fir-risposta tagħha stess. Ta' min jgħid illi ħtieġa proċedurali bħal din tmur oltre dak li jitlob il-Mudell ta' Liġi UNCITRAL (*"by not later than when submitting his first statement on the substance of the dispute")* u anke l-Arbitration Act 1996 tal-Ingilterra ("*an application may not be made ... after he has taken any step in those proceedings to answer the substantive claim*").

18. Sfortunatament ħarsa fid-dettal lejn id-dibattiti fil-Plenarja u fl-istadju tal-kumitat li ppreċedew id-dħul fil-liġi tagħna tal-Att dwar l-Arbitraġġ fl-1995 ma tixħet l-ebda dawl fuq din il-materja.

19. Fit-trattazzjoni dwar din l-eċċezzjoni l-abbli avukat difensur tar-rikorrenti sostna illi l-kumpanija intimata rrinunzjat għall-klawżola arbitrali in kwistjoni peress illi naqset milli tippreżenta talba appożita **<u>qabel</u>** ma' ppreżentat ir-risposta tagħha.

20. Fil-ġurisprudenza lokali teżisti każistika diverġenti fuq dan il-punt għalkemm l-iktar waħda riċenti hija konkordi dwar li l-Qorti ma tinterpretax l-Art. 15(3) b'mod riġidu (u b'hekk tagħti preferenza għall-volontà oriġinali tal-partijiet li jissottomettu ruħhom għall-arbitraġġ, kif espressa fil-ftehim) u tippermetti illi t-talba għat-twaqqif tingħata għall-ewwel darba fir-risposta/nota ta' eċċezzjonijiet. Tista' tgħid li d-diverġenza bejn dawn il-pożizzjonijiet diverġenti toħroġ minn punt wieħed partikolari u ċioe' l-interpretazzjoni tal-kelma "**<u>tista</u>**" fl-Art. 15(3) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta:

> **"15 (3) ... kull parti f'dawk il-proċedimenti legali <u>tista'</u> f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti ..."**

21. Teżisti skola ta' ħsieb – li din il-Qorti ma' taqbel xejn magħha – illi bil-kelma *"tista'"* il-leġislatur ried ifisser illi kull min jixtieq jitlob lill-Qorti sabiex twaqqaf il-

proċedimenti abbażi ta' klawsola arbitrali għandu **<u>għażla</u>** dwar jekk jagħmilx dan b'rikors appożitu qabel ma' jressaq ir-risposta tiegħu jew fir-risposta nnifisha. Skond din l-iskola ta' ħsieb, il-kelma "tista'" tfisser li r-rikors mhuwiex tassattiv u li l-parti għandha kull dritt tagħżel illi ma' tirrikoriex għalih qabel ma tippreżenta r-risposta tagħha. Hemm imbagħad skola oħra ta' ħsieb – li l-Qorti tikkondividi fis-sħiħ – illi l-kelma "tista'" tfisser biss illi l-parti għandha **<u>għażla</u>** jekk *għandiex titlob li l-Qorti twaqqaf il-proċedimenti jew le* (ossia' jekk tridx tinvoka l-klawżola arbitrali jew le) u **<u>mhux</u>** għażla illi jekk trid titlob lill-Qorti sabiex twaqqaf il-proċedimenti, tagħżilx jekk u meta għandha tagħmel ir-rikors appożitu għal dan il-għan. Fi kliem ieħor, l-għażla hija dwar jekk għandekx tinvoka l-klawsola arbitrali jew le u mhux x'għandek tagħmel jekk tiddeċiedi li għandek tinvoka tali klawsola.

22. Fost is-sentenzi li huma favur interpretazzjoni riġida jew litterali tal-Art. 15(3) insibu s-sentenza mirquma mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Frar 2016 (Rikors Maħluf Numru: 344/15 LM) fl-ismijiet: **<u>AIS Environment Ltd (C18445) vs L-Awtorità għat-Trasport f'Malta</u>** fejn il-Qorti għamlet riferenza għall-pożizzjonijiet diverġenti bejn il-Qrati tagħna fuq din il-kwistjoni. Fuq naħa waħda kkwotat lil dawk is-sentenzi li huma favur interpetazzjoni riġida tal-artikolu:

> "Illi f'**Cobra Installations Limited vs Stephen Caruana** – Qorti tal-Maġistrati (Malta)(GV) deċiża fl-10 ta' Jannar, 2012, intqal li:
>
> > *"Fid-dawl ta da l-insenjament dispost fl-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta Malta, u ulterjorment konfermat fis-subartikolu (8) tal-imsemmi artikolu tal-Ligi, il-Qorti hi tal-fehma li t-talba tal-konvenut għall-waqfien tal-proceduri odjerni minħabba l-eżistenza ta ftehim ta arbitragg bejnu u s-socjetà attrici, kif minnu promossa hija proceduralment inammissibbli u għaldaqstant ma tistax tigi milqugħa"*
> >
> > *Din il-konklużjoni tal-Qorti ssib konferma fil-principju enuncjat fis-sentenza fl-ismijiet **Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello**, Ċitaz. Nru 2657/99 deciża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta Jannar 2003: "trattandosi di leggi di procedura che hanno progetto l'ordine pubblico mediante un convenzionismo di forma, non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che ove la legge prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens* (Vol. XVIII pI p879, Vol. XLIX pI p421).
> >
> > *Din mhiex kwistjoni ta' legalizmu jew formalizmu zejjed. Hi invece kwestjoni ta' applikabilità o meno ta' norma procedurali specjali. Il-Qorti temmen, bhal qrati ohra qabilha illi "waqt li formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat m'ghandux lanqas però jidhol*

*jew jigi inkoraggit permessivizmu ingustifikat" (Vol. XXXII pI p712,* ***"Francis T. Gera noe v. Ed. Camilleri et" Apell, Sede Inferjuri, 14 ta' Frar 1973****).*
*Sa recentement gie rimarkat illi l-Qrati jridu japplikaw u jinterpretaw il-ligijiet tal-pajjiz kif promulgati mill-Parlament u ma ghandhom l- ebda diskrezzjoni la li jaddotawhom b'mod approssimattiv skond li jidhrilhom li hu gust u ekwu fic-cirkostanzi u wisq anqas li jissanzjonaw proceduri li il-ligijiet tal-pajjiz ma jippermettux li jigu mprovvizati f'dawk ic-cirkostanzi, bil-konsegwenza li jigu newtralizzati u emaskulati proceduri ohra espressament provduti bil-ligi. (****Kummissarju tat- Taxxa fuq il-Valur Mizjud v. George Schembri" Appell, 6 ta' Ottubru 2000****).*

*Ghalkemm fil-kaz in ezami si tratta ta' disposizzjoni procedurali nascenti mill-Ligi specjali li tirregola l-Arbitragg u mhux mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalfejn il-principju guridiku appena citat ma ghandux japplika wkoll ghall-kaz inezami. In effetti proprio ghaliex si tratta ta' norma procedurali specjali huwa imperattiv li l-istess tigi applikata u interpretata alla lettera u mhux per equipollens.*

*Illi din is-sentenza* ***giet ikkonfermata mil-Qorti tal-Appell (Inferjuri), ippreseduta mill-Imħallef Gino Camilleri, b sentenza tal-08.11.2013****: "Sewwa għamlet l-ewwel Qorti li applikat dawn il-provvedimenti, li wassluha biex tirrigetta l-eccezzjoni in kwestjoni. L-ewwel Qorti, f dan ir-rigward, ikkonsidrat li talba għall-waqfien ta proceduri quddiem qorti minħabba l-eżistenza ta klawżola arbitrali, ma tistax titressaq quddiem l-istess qorti pe via d'eccezzione iżda, għandha issir talba specifika b'rikors qabel ma tigi preżentata n-nota tal-eccezzjonijiet. L-ewwel Qorti rriteniet, korrettement, li l-artikolu 15(3) tal-Kap. 387 jikkomplimenta l-artikolu 742(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet. Kwindi, fi kwalunkwe każ, it-talba biex l-ewwel Qorti twaqqaf il-procediment quddiemha ma kelliex issir fin-nota tal-eccezzjonijiet iżda kellha ssir qabel ma tigi ppreżentata l-istess nota. F dan il-każ it-talba għat-twaqqif tal-procediment żgur li ma saritx qabel il-preżentata tal-eccezzzjonijiet u kwindi l-istess għandha titqies li ma saritx fit-terminu li trid il-ligi. Kwindi, skont l-ewwel Qorti, t-talba tal-konvenut għall-waqfien ta dawn il-proceduri "hi proceduralment inammissibbli u għaldaqstant ma tistax tigi milqugħa". "Għalhekk hu car li l-ligi ddelineat norma preciża ta procedura li għandha dejjem tigi segwita. Din il-Qorti tqis li, hawnhekk, il-konklużjonijiet li waslet għalihom l-ewwel Qorti huma, fi kwalunkwe każ, gusti u ekwi anke tenut kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-każ."*

Illi din il-klawżola ġiet interpretata wkoll fil-kawża fl-ismijiet **Mario Vella et vs Malta Industrial Parks Limited** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Settembru, 2014 (JZM) fejn ingħad kif ġej:

"*Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li ladarba anke l-klawżola arbitrali ut sic tirreferi għar-regoli ta -Ċentru dwar l-Arbitragg ta Malta huwa evidenti li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 387 bħala l-lex specialis igħoddu għall-kwistjoni li l-Qorti għandha quddiemha. Hija wkoll il-fehma meqjusa tagħha illi ladarba hawn si tratta ta lex specialis kien jinkombi fuq il-konvenuta li jekk riedet tittenta twaqqaf il-kawża tal-lum kellha ssegwi dak li jgħid l-Art. 15(3) u mhux tecepixxi n-nuqqas tal-gurisdizzjoni tal-qorti skont id-disposizzjonijiet tal-Kap. 12 li hija l-lex generalis. Dan jidher li kienet ukoll il-forma mentis tal-legislatur meta kien tassattiv li jirrendi applikabbli dak li jgħid l-Art. 15(3) minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kap 12.*"

Illi l-Qorti f'dik is-sentenza kompliet tirraġuna li r-rinunzja hija di stretto diritto, u kkwotat ġurisprudenza estensiva fir-rigward, u għalhekk ikkonkludiet li:

"*l-konsegwenza tal-għażla li għamlet il-konvenuta li ma titlobx it-twaqqif tal-procediment tal-lum kif previst mill-Art. 15(3) tittraduci ruħha f accettazzjoni tal-gurisdizzjoni ta din il-qorti. U bis-sottomissjoni (submission) tagħha għall- gurisdizzjoni tal-qorti, il- konvenuta rrinunzjat, b mod car u inekwivoku, għalkemm tacitament, li tenforza l-klawsola arbitrali. Rinfaccjata bil- kawża, u b disposizzjoni daqstant cara bħalma hija l-Art. 15(3) tal-Kap. 387, l-uniku mod li kellha l-konvenuta biex tinsisti fuq it-tħaris tal-klawżola arbitrali u tittenta tbiegħed kull kwistjoni ta gurisdizzjoni tal-qorti kienet li tmur għal tħaris skrupoluż tad-disposizzjoni*".

Illi din il-kawża ġiet iċċitata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (JVC) fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħha f'sentenza mogħtija fl-14 ta' Lulju, 2015 fl-ismijiet **Projekte Global Limited vs Għajnsielem F.C.**:

*"Din il-Qorti taqbel mal-interpretazzjoni mogħtija minn dik l-Onorabbli Qorti lill-artikolu in kwistjoni. Fil-każ odjern jirriżulta li l-Klabb konvenut ma ntavola l-ebda rikors kif jirrikjedi l-artikolu 15 tal-Kap. 387 sabiex din il-Qorti twaqqaf il-proċeduri ntavolati quddiemha qabel ma ssottometta l-eccezzjonijiet tiegħu. Konsegwenza ta' dan, il-konvenut fil-mument li ma mexiex mad-dettami tal-artikolu 15 tal-Kap. 387 u għażel b mod volontarju li jintavola l-eccezzjonijiet tiegħu huwa rrinunzja b mod tacitu għall-applikazzjoni tal-klawżola arbitrali u ssottometta ruħu għall- gurisdizzjoni ta din il-Qorti."*

Imbagħad l-istess Qorti kompliet biex tikkwota lil dawk is-sentenzi li huma favur interpetazzjoni riġida tal-artikolu:

"Illi l-orjentament oppost fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna ma jsib l-ebda dekadenza jew rinunzja għad-dritt tal-arbitraġġ jekk ma jsirx ir-rikors skont l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387. Is-sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet **Cannon Services Ltd. vs Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar**, deċiża fit-12 ta' Diċembru, 2002 ikkonkludiet kif ġej:

> *"Fl-aħħarnett, is-socjetà attrici tissottometti li, skont l-Artikolu 15(3) tal-ligi dwar Arbitragg, ir-riferenza għall-arbitraġġ trid issir "qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-procedimenti", mentri f dan il-każ, ir- riferenza giet mitluba fit-tieni eccezzjoni. Din il-Qorti ħasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni, u taħseb li m għandhiex tingħata interpretazzjoni rigida lil dan is-subartikolu. L-iskop tal-ligi hu intiż biex ma jinħeliex żmien, u jekk il-każ se jigi trattat f' Arbitragg , jekk jista jkun, ir-riferenza issir mill-ewwel u mhux wara smigħ tal-provi jew trattazzjoni fuq xi materja tal-każ. Dak li hu importanti allura, mhux li, qabel ma jressaq l-eccezzjonijiet tiegħu, il-konvenut, b talba ad hoc, jitlob riferenza għall-Arbitragg, iżda li din ir-riferenza tigi mitluba l-ewwel ħaga. Kif inhi l-ligi hu permess li konvenut, qabel ma jressaq l-eccezzjonijiet tiegħu, jitlob, b'rikors ad hoc, ir -riferenza għall-arbitragg , iżda din it-talba mhux meħtieg li jsir hekk bilfors, u tista ssir b talba imressqa fil-bidu tal-eccezzjonijiet".*

Illi l-kawża suċċitata ġiet ikkwotata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Diċembru, 2010 fl-ismijiet **Panta Marketing and Services Limited vs AX Contruction Ltd.** (Appell Ċivili Numru 533/2008/1), kif ukoll mill-Prim'Awla (LFS) fis-sentenza fl-ismijiet **365 Entertainment Ltd vs Poker Ltd** deċiża fl-10 ta' Lulju 2012.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Zamsul Contractors Ltd vs Pharmacare Premium Limited** [deċiża fl-14 ta' Ġunju, 2012 - Prim' Awla (AE)], intqal li:

> *"Fil-fehma tal-qorti, il-fatt li l-konvenut ma għamilx ir-rikors ma jippregudikax id-dritt tiegħu. L-eccezzjonijiet jingħataw permezz ta twegiba guramentata. Madanakollu taħt l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 il-konvenut għandu l- opportunità li qabel jippreżenta t-twegiba ġuramentata, jippreżenta rikors biex il-qorti tissopprassedi minħabba l- klawżola arbitrali. Ir-rikors m'huwiex mandatorju, tant li l-liġi tgħid li l- parti fil-proċediment "....tista' f'kull mument qabel ma tressaq xi eċċezzjoniijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċediment,......". Il-kelma "tista'" tagħti lil din il-qorti x'tifhem li hi fid-diskrezzjoni tal-parti li trid tinvoka l-ftehim arbitrali, li tippreżenta rikors u titlob is-sopressjoni. Jidher li l-għan wara dan il-provediment hu sabiex min ikun irid jinvoka l-ftehim arbitrali, f'dak l-istadju jkollu l-fakoltà li ma joqgħodx jippreżenta tweġiba ġuramentata u jidħol fi spejjeż żejda. Dan iktar u iktar meta tqis li klawżola arbitrali ma teskludix il-ġurisdizzjoni tal- qorti, iżda taħti biss lok biex il-qorti twaqqaf il-proċediment (Artikolu 742[3] tal-Kap. 12). Minn qari tal-Artikolu 15 il-qorti ma tistax tikkonkludi li n-nuqqas li jiġi ppreżentat rikors jfisser teħlien għad-dritt tal-konvenut li jinvoka klawżola arbitrali fit-tweġiba ġuramentata, jew li qed jirrinunzja għall-arbitraġġ. Klawżola arbitrali hi parti mill- ftehim bejn il-partijiet, liema ftehim għandu l-forza tal-liġi. Bħal rikors, it-tweġiba ġuramentata hi wkoll att ġudizzjarju. M'għandux ikun li persuna li trid tinvoka klawżola arbitrali u għalhekk trid li jiġi onorat il- ftehim, tiġi preġudikata għaliex minflok għamlet rikors u talbet is- sopressjoni, ippreżentat tweġiba ġuramentata fejn invokat il- klawżola arbitrali u talbet li jkun sospiż sakemm l-qorti tordna l-waqfien tal-*

*proċeduri quddiemha. Fil-fehma tal-qorti l-ispirtu tal-liġi m'huwiex li wieħed joqgħod jintilef formalizmu bla bżonn, u l-liġi qedna biss toffri alternattiva inqas għalja".*

Illi hekk ukoll ġie deċiż fil-kawża fl-ismijiet **Bernardette Borg vs Gasan Mamo Insurance Limited** [deċiża fl- 4 ta' Ġunju, 2014 – Qorti tal- Maġistrati (Malta) (CSH)] fejn il-Qorti waslet għall-konklużjoni*:*

*"Fil-fehma ta' din il-Qorti kuntrarjament għal dak deċiż fis-sentenza fuq ċitata, il-fatt li s-soċjetà konvenuta ma għamlitx ir-rikors ma jippreġudikax id-dritt tagħha. L-eċċezzjoniijiet ingħataw permezz ta' tweġiba. Madankollu taħt l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 is-soċjetà konvenuta għandha l-opportunità li qabel tippreżenta t-tweġiba tagħha, tippreżenta rikors biex il-Qorti tissopprassedi minħabba l-klawżola arbitrali. Ir-rikors m'huwiex mandatorju, tant li l-liġi tgħid li l-parti fil-proċediment "....tista' f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjoniijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċediment,.....". Il-kelma "tista'" tagħti lil din il-Qorti x'tifhem li hi fid-diskrezzjoni tal-parti li trid tinvoka l-ftehim arbitrali, li tippreżenta rikors u titlob is-sopressjoni. Jidher li l-għan wara dan il-provediment hu sabiex min ikun irid jinvoka l-ftehim arbitrali, f'dak l-istadju jkollu l-fakoltà li ma joqgħodx jippreżenta tweġiba ġuramentata u jidħol fi spejjeż żejda (tant hu hekk li l-Artikolu 15(8) tal-Kap. 387 jipprovdi li l-preżentata ta' rikors għas-sopressjoni ġġib magħha s-sospensjoni tat-terminu għall-preżentata tat-tweġiba ġuramentata minħabba eċċezzjoni ta' inġurisdizzjoni fi-t-talba). Dan iktar u iktar meta tqis li klawżola arbitrali ma teskludix il-ġurisdizzjoni tal-Qorti, iżda tagħti biss lok biex il-Qorti twaqqaf il-proċediment (Artikolu 742(3) tal-Kap. 12). Minn qari tal-Artikolu 15 il-Qorti ma tistax tikkonkludi li għamlet il-Qorti fuq imsemmija li n-nuqqas li jiġi ppreżentat rikors jfisser telfien għad-dritt tal-konvenut li jinvoka klawżola arbitrali fit-tweġiba ġuramentata, jew li qiegħed jirrinunzja għall-arbitraġġ (Ara sentenza* ***Joseph W. Micallef nomine vs. Leo Grech*** *u deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef J. Said Pullicino), fir-rigward ta' rinunzja għall-arbitraġġ meta ma tiġix ssollevata oppożizzjoni).*

*"Klawżola arbitrali hi parti mill-ftehim bejn il-partijiet, liema ftehim għandu l-forza tal-liġi (vide Artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili). Bħal rikors, it-tweġiba/risposta hi wkoll att ġudizzjarju. M'għandux ikun li persuna li trid tinvoka klawżola arbitrali u għalhekk trid li jiġi onorat l-ftehim, tiġi preġudikata għaliex minflok għamlet rikors u talbet is-sopressjoni, ippreżentat risposta fejn invokat il-klawżola arbitrali u li għandha tittieħed biss il-Qorti tordna l-waqfien tal-proċeduri quddiemha. Fil-fehma tal-Qorti, l-ispirtu tal-liġi m'huwiex li wieħed joqgħod jintilef f'formalizmu bla bżonn, u l-liġi qedna biss toffri alternattiva inqas għalja."*

Finalment il-Qorti kkonkludiet illi l-intimata kienet tilfet b'mod irrimedjabbli d-dritt tagħha illi tinvoka l-klawżola arbitrali bin-nuqqas tagħha li tippreżenta rikors qabel ir-risposta maħlufa:

... Illi eżaminati dawn iż-żewġ veduti kontraposti għal xulxin fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, din il-Qorti hija tal-fehma li jkun għaqli li l-leġiżlatur jiċċara darba għal dejjem din il-kwistjoni dwar jekk rikors ai termini tal-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 huwiex wieħed fakultattiv jew fl-eventwalità li ma jkunx sar tali rikors, dan in-nuqqas ikunx jimporta d-dekadenza mid-dritt li l-kwistjoni bejn il-partijiet tmur arbitraġġ ...

"Din il-Qorti hija tal-fehma illi għad li bil-mod xejn feliċi kif ġie redatt l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 dan jista' jagħti lok għal interpretazzjonijiet konfliġġenti ispirati miż-żewġ orjentamenti prevalenti fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li sar riferiment għalihom aktar qabel, mill-banda l-oħra huwa leġittimu li wieħed jistaqsi x'sens loġiku tagħmel il-proċedura delineata fl-Artikolu 15(3) fejn permezz ta' rikors il-konvenut qabel ma jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu jista' jinvoka klawżola arbitrali u jagħmel talba lill-Qorti sabiex twaqqaf il-proċedimenti quddiemha, jekk fin-nuqqas li jressaq tali rikors, xorta waħda jibqagħlu d-dritt li jinvoka l-klawżola arbitrali per via d'eccezzione fir-risposta maħlufa tiegħu? …

Illi filwaqt li din il-Qorti terġa' ttenni l-appell tagħha sabiex il-leġiżlatur jiċċara dan l-ekwivoku darba għal dejjem anki sabiex tkun evitata s-sitwazzjoni pjuttost imbarazzanti ta' sentenzi konfliġġenti dwar l-istess materja, tqis illi b'applikazzjoni tal-prinċipji bażiċi ta' interpretazzjoni li *lex posteriori derogat priori* u *lex specialis derogat generalis*, il-proċedura korretta li kellha ssegwi l-Awtorità konvenuta sabiex jiġi żgurat li tkun applikata l-klawżola arbitrali u t-tilwima bejn il-partijiet ma tispiċċax taqa' fi ħdan il-ġurisdizzjoni tal-qrati ordinarji, kellha tissodisfa rigorożament ir-rekwiżiti tal-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387. Ġaldarba l-Awtorità konvenuta għażlet li ma titlobx it-twaqqif ta' dan il-proċediment quddiem din il-Qorti bil-mod previst bl-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387, iwassal għas-sottomissjoni (submission) tagħha għall-ġurisdizzjoni ta' din il-qorti u b'hekk irrinunzjat taċitament li tinforza l-klawżola arbitrali."

23. Kif ingħad iżjed 'l fuq, l-iktar ġurisprudenza riċenti (mill-2019 'l quddiem) hija konkordi dwar li l-Qorti ma tinterpretax l-Art. 15(3) b'mod riġidu (u b'hekk tagħti preferenza għall-volontà oriġinali tal-partijiet li jissottomettu ruħhom għall-arbitraġġ, kif espressa fil-ftehim) u tippermetti illi t-talba għat-twaqqif tingħata għall-ewwel darba fir-risposta/nota ta' eċċezzjonijiet.

24. Hekk pereżempju fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Clentec Limited v. Il-Ministru tas-Saħħa et.</u>** (PA, Rik 196/2018 MH, deċiż 27/03/2019) ingħad hekk mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili:

"Il-Qorti ma tirriskontra ebda raġuni valida fil-fatt u fid-dritt il-għala tali volonta' tal-partijiet m'għandhiex tiġi rispettata. Anke jekk ir-rikors kontemplat fl-artikolu 15 (3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ ma ġiex preżentatat, il-Qorti ma tarax li għandha tingħata nterpretazzjoni riġida għal dan l-artikolu. Għalhekk fid-dawl tal-ġurisprudenza ċitata, in kwantu t-talba tressqet immedjatament fl-eċċezzjonijiet tas-Central Procurement & Supplies Unit, u hija għalhekk

meqjusa bħala tali, ukoll tenut li għadhom ma tressqu ebda provi fil-mertu allura l-vot tal-liġi kif espress fl-artikolu msemmi huwa sodisfatt."

25. L-istess sentenza ġiet ikkonfermata fl-appell, preċiżament sena wara fejn il-Qorti tal-Appell ippronunzjat ruħha b'dan il-mod:

"Din il-Qorti tirribadixxi l-hsieb li l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 m'ghandux jinghata nterpretazzjoni rigida ladarba skont l-imsemmi provvediment tal-ligi r-rikors imsemmi mhux mandatorju, dan kif jixhed l-uzu tal-kelma "tista'", li taghti lil wiehed x'jifhem li hija fid-diskrezzjoni tal-parti li tinvoka l-ftehim arbitrali li tipprezenta rikors u titlob soprasessjoni. Madankollu dik il-persuna li tinvoka klawzola arbitrali permezz ta' twegiba guramentata (minflok rikors) u ghalhekk trid li jigi onorat l-ftehim, m'ghandhiex tigi ppregudikata ghaliex minflok ghamlet rikors u talbet is-soprasessjoni, ipprezentat twegiba guramentata, att gudizzjarju iehor fejn giet invokata l-klawsola arbitrali; wara kollox l-ispirtu tal-ligi m'huwiex li wiehed joqghod jintilef f'formalizmu zejjed."

26. Fis-sentenza **Glynn Gareth Clews v. Nadia Ahmad Costa et** (PA, Rik 531/2023 MS, deċiż 15/07/2024) il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:

"29. Din il-Qorti ħasbet fit-tul fuq din il-kwistjoni, u jidhrilha li l-pożizzjoni legali l-aktar attendibbli hija dik li esposta fl-aħħar. Il-linja tal-ħsieb li tqis mandatorja l-preżentata ta' rikors skont l-artikolu 15(3) mhux biss hija kontradetta mill-fatt li l-liġi stess tuża l-vokabolu "tista'" u mhux "għandu", imma wkoll tattribwixxi lil dak il-konvenut li ma jressaqx tali rikors l-effetti ta' rinunzja taċita għall-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, minkejja li l-istess konvenut ikun issolleva dik l-eċċezzjoni fir-risposta ġuramentata tiegħu.

30. Fid-deċiżjoni ***Josephine Bugeja vs. Carmelo Bugeja et*** (Appell Superjuri, 30/10/2001) intqal kif ġej: «*Inoltre "ir-rinunzji huma di stretto diritto meta ma humiex espressi u għandhom jirriżultaw minn fatti assolutament irrikonċiljabbli mal-volonta' tal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta' preċiża tar-rinunzja" (Vol. XXXVI, P I, p. 343). Ir- rinunzja għalhekk trid tkun ċara w espliċita' b'mod li jekk il-kliem użat ikun ekwivoku r-rinunzja għandha tiġi eskluża. "Bħala teżi ġenerali u bħala kriterju tar-riżoluzzjoni ta' dan il-punt għandhom l-ewwel nett jiġu rispettati l-prinċipji paċifikament aċċettati fuq il-kwistjonijiet ta' rinunzji taċiti ...... `Le rinunzie tacite si devono cosi strettamente interpretare che dai fatti onde si vogliono desumere non si possa trare altra congettura che l'evidente proposito di rinunciare'....... Dina l-istess Qorti f'sentenza tagħha tal-1840 fil-kawża "Sciberras vs Giappone" (Koll. 1839/40 pag. 278) kienet osservat `che qualunque rinunzia, non essendo generale o specifica, non riceve che stretta interpretazione in guisa che in dubbio s'intenda rimesso quanto meno sia possibile'" (Vol. XXIX, P.II, p. 87)*». Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża ***Alfred Cauchi et vs. Joseph Xuereb et*** (9/10/2003) irribadiet li: «*Kif ingħad mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża "Filati Ltd vs Tramps*

*Ltd", deċiża fit-8 ta' Mejju, 2003, b'approvazzjoni ta' deċiżjoni riportata fil-Kollez. Vol.XXXVI.I.343, "ir-rinunzji huma di stretto diritto u għandhom jirriżultaw minn fatti assolutament inkonċiljabbli ma' konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta' preċiża ta' rinunzja. Kwindi ma jistax jiġi konkluż illi jkun hemm rinunzja taċita jekk mill-provi ma jkunx hemm indizji ċari u assoluti li l-volonta' tal-persuna jew persuni tbiddlet. Għandu jsegwi minn dan kollu li jekk l-indizzju u l-fatti jħallu dubju dwar il-volonta' tal-persuna, dan għandu jittieħed kontra l-eżistenza tar-rinunzja". (ara wkoll "La Rosa de Cristoforo vs Russell", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-24 ta' Frar, 1939, u "Sammut vs Azzopardi", deċiża wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta' Novembru, 1993)*».

31. M'humiex inopportuni wkoll is-segwenti senjalazzjonijiet, u ċjoè dik magħmula fid-deċiżjoni ***Baruni Gino Trapani Galea Feriol pro et noe vs. Paola Deguara et*** (Appell Inferjuri, 1/12/2004): «*Fi kliem ieħor hemm bżonn li din ir-rinunzja tirriżulta minn att jew kumpless ta' atti li jissupponu neċessarjament fir-rinunzjant l-intenzjoni li huwa jabdika d-dritt tiegħu (Kollez. Vol. XXVIII P II p 333; Vol. XXXIV P II p 646)*», u dik rikapitata mid-deċiżjoni ***Doris Laferla et vs. Louis Cauchi Savona et noe*** (Appell Superjuri, 6/2/1995), fejn ġie ribadit illi: «*Bħala enunzjazzjoni ġenerali jista' jingħad li l-kommissjoni jew l-ommissjoni ta' min għandu dritt, ikollhom il-valur ta' rinunzja ta' dak id-dritt meta dak il-fatt ma jkunx ġuridikament kompatibbli mal-pretiża li tkun ġiet dedotta fl-azzjoni. Hekk per eżempju, ġie ritenut illi l-preskrivent ta' immobbli li bid-dekors ta' tletin sena li jkun qed jakkwista b'użukapjoni jrid ikollu l-intenzjoni li jsir huwa l-proprjetarju ta' l-immobbli. Jekk huwa jiddikjara li l-ħaġa mhix tiegħu allura jkun qed jirrinunzja dik il-preskrizzjoni għaliex dikjarazzjoni simili mhux kompatibbli mal-ferma intenzjoni tiegħu li jakkwista l-immobbli – (App. 13 ta' Marzu, 1953* ***Caruana vs Vella –*** *Vol.XXXVII.I.105). L-istess ġie frekwentement ritenut li min jirċievi l-kera mingħajr protesta u riżerva jkun qed jirrinunzja għad-dritt ta' l-azzjoni għall-permess biex ma jġeddidx il-lokazzjoni. (App. 27 ta' Novembru, 1953* ***Scicluna vs Galea*** *Vol. XXXVII.I.379)*».

32. Din il-Qorti ma tirraviża ebda nkompatibilità jew irrikonċiljabilità fl-aġir ta' konvenut li minflok jagħmel rikors skont l-artikolu 15(3), jissolleva l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza fir-risposta ġuramentata tiegħu. Anzi, l-fatt li ssir dik l-eċċezzjoni turi bl-aktar mod inekwivoku li l-konvenut ried jikkonserva il-jedd tiegħu għal dik l-eċċezzjoni, u għalhekk ebda rinunzja taċita ma tista' tiġi deżunta minn dak il-fatt. U la darba r-rinunzji huma "di stretto diritto", kif dejjem ġie ritenut fil-ġurisprudenza tagħna, mela allura jsegwi illi għandha tiġi eskluża ħlief fejn din tirriżulta b'mod ċar u inekwivoku."

27. Din il-Qorti diġà tat il-fehma tagħha illi ma taqbel xejn ma dik il-ġurisprudenza illi tirritjeni li bil-kelma *"tista'"* il-leġislatur ried ifisser illi kull min jixtieq jitlob lill-Qorti sabiex twaqqaf il-proċedimenti abbażi ta' klawsola kompromissorja għandu **<u>għażla</u>**

dwar jekk jagħmilx dan b'rikors appożitu qabel ma' jressaq ir-risposta tiegħu jew fir-risposta nnifisha.

28. Huwa ferm iżjed b'saħħtu l-argument imressaq mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (għalkemm dan għamlitu wara li avvanzat ukoll l-argument l-ieħor xprunat mill-kelma *"tista")* fis-sentenza appena ċitata illi parti li ma tressaqx rikors appożitu għall-waqfien tal-proċeduri ma tistax tiġi meqjusa li rrinunzjat b'mod taċitu għall-għażla tagħha li tinvoka l-klawżola arbitrali meta din turi b'mod inekwivoku illi riedet tikkonserva dan id-dritt billi tavvanzah *per via d'eccezione* fir-risposta tagħha.

29. Fil-fehma ta' din il-Qorti, sakemm ma jirriżultax li l-leġislatur ma riedx dak li esprima ruħu fuqu, għandu japplika l-prinċipju tradizzjonali illi *"ubi lex voluit, dixit; ubi noluit, tacuit".* Issa mad-daqqa t'għajn jidher li l-leġislatur kien ċar fl-għażla tal-kliem tiegħu fl-Art. 15(3) fis-sens illi ppreċiża li t-talba għandha ssir "f'kull żmien qabel ma' tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti".

30. Madanakollu kif tajjeb ingħad mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza (diġà ċitata iktar 'l fuq) fl-ismijiet **AIS Environment Ltd (C18445) vs L-Awtorità għat-Trasport f'Malta** (PA, Rik 344/15 LM, deċiż 02/02/2016):

> "Illi tajjeb li jingħad li fl-interpretazzjoni ta' kwalunkwe liġi, il-ġudikant ma jistax jieqaf mas-sens litterali tal-liġi, imma huwa obbligat iżomm f'moħħu l-intenzjoni tal-leġiżlatur. B'intenzjoni tal-leġiżlatur wieħed ma jifhimx sempliċiment riferiment għal dak li riedu dawk li ppreparaw in-norma – din hija t-teorija tal-volontà soġġettiva – imma wkoll, u anzi, fuq kollox, l-iskop li l-liġi trid tilħaq – din hija t-teorija tal-volontà oġġettiva. Wieħed irid iħares lejn ir-raġuni tal-liġi u allura l-interpretazzjoni trid tkun funzjonali. L-interpretazzjoni funzjonali għalhekk hija dik li tqis ir-raġuni tan-norma, fi kliem ieħor l-interess speċifiku minnha mħares.
>
> Illi huwa u jfittex ir-raġuni tal-liġi, wieħed irid iqis mhux biss in-norma iżolata imma l-liġi fil-kumpless kollu tagħha, fi kliem ieħor id-dixxiplina leġiżlattiva li fih tinstab imdaħħla n-norma li trid tiġi interpretata. Għalhekk l-interpretazzjoni funzjonali hija dejjem interpretazzjoni sistematika, jiġifieri interpretazzjoni koerenti mas-sistema tal-liġi: "*La considerazione del sistema (dell insieme delle proposizioni legislative e dei significati di esse) consente sia di operara la ricognizione letterale della legge, sia della sua ratio"* (Ennio Russo, L Interpretazione delle leggi civili, Torino, 2000, p.518)."

31. Diġà intqal iktar 'l fuq illi b'xorti ħażina d-dibattiti fil-Plenarja u fl-istadju tal-kumitat li ppreċedew id-dħul fil-liġi tagħna tal-Att dwar l-Arbitraġġ fl-1995 ma jixħtu l-ebda dawl fuq x'kienet l-intenzjoni tal-leġislatur meta ried illi klawżola arbitrali tiġi

invokata qabel ma tressaq id-difiża tagħha u jekk per eżempju kienx hemm l-intenzjoni speċifika illi l-liġi Maltija tkun iżjed ristretta mill-Mudell ta' Liġi UNCITRAL li kif rajna jirrikjedi illi l-parti illi jagħmel it-talba għal twaqqif jagħmel dan *"not later than when submitting his first statement on the substance of the dispute".*

32. Iktar minn hekk, dak li joħroġ b'mod ċar minn dawn id-dibattiti huwa illi l-intenzjoni tal-leġislatur kien proprju li jimmudella l-liġi l-ġdida fuq il-Mudell ta' Liġi UNCITRAL:

> "**ONOR. JOE FENECH:** Barra minn hekk, billi skond il-politika tal-Gvern, irridu li pajjiżna jsir ċentru għal servizzi internazzjonali, rajna li dan l-Abbozz ħa ħsieb li jikkontempla l-possibbilta' li Malta ssir ċentru ta' arbitraġġ kummerċjali internazzjonali. Barra milli ħa ħsieb l-aspett domestiku, fil-fatt jiena ħtart kumitat apposta mmexxi mill-Professur David Attard sabiex jagħmel studju komparattiv tad-diversi sistemi ta' liġijiet ta' arbitraġġ fid-diversi pajjiżi Ewropej u dwar kif Malta tista' tinserixxi ruħha bħala ċentru ta' arbitraġġ kummerċjali internazzjonali. Il-Kumitat studja fid-dettal il-Model Law tal-United Nations Commission on International Trade Law, u diversi liġijiet ta' arbitraġġ li jeżistu bħal dik ta' Spanja, kif ukoll fuq liġi riċenti Taljana dwar l-arbitraġġ. Wara konsultazzjonijiet li l-Kumitat kellu ma' diversi awtoritajiet internazzjonali fil-qasam ta' l-arbitraġġ, partikolarment ma' l-International Centre for the settlement of Investment Disputes tal-World Bank, il-Kumitat qabel li in kwantu għall-arbitraġġ kif jolqot kwestjonijiet f'materji kummerċjali ta' natura internazzjonali, **l-aħjar mod attraenti kien li jadotta l-Model Law ta' l-UNCITRAL - United Nations Commission on International Trade Law**. Illum dan il-model law hija rikonoxxuta u approvata minn diversi pajjiżi bħala l-aħjar in materja u naturalment id-diversi artikoli kif ikkontemplati f'Part V ta' dan l-Abbozz ġew inseriti biex jaddatta din il-liġi għas-sitwazzjoni lokali."[14]

33. Il-Qorti għalhekk tħoss illi fid-dawl tan-nuqqas tal-leġislatur li jixħet dawl fuq l-intenzjoni tiegħu li juża l-kliem partikolari li uża fl-Art. 15(3) tal-Kap. 387 u partikularment in vista ta' dak li jipprovdi l-Mudell ta' Liġi UNCITRAL, ikun jagħmel sens illi taddotta dik il-linja iktar flessibbli li ġiet abbraċċjata mill-Qrati tagħna fl-aħħar ftit snin. Għalhekk għandu jitqies illi ma jkun hemm l-ebda dekadenza/rinunzja għad-dritt tal-arbitraġġ jekk ma jsirx ir-rikors skont l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387, dejjem sakemm il-parti li tixtieq tissollevaha tagħmel dan b'mod preliminari fir-risposta tagħha.

---

[14] IS-SEBA' PARLAMENT: Seduta Nru. 402, It-Tnejn, 13 ta' Marzu, 1995 (Il-Kamra tad-Deputati, il-Palazz, il-Belt Valletta) p. 62

34. Fil-każ in eżami, il-kumpanija intimata kkumplikat ftit iżjed is-sitwazzjoni tagħha billi apparti li ma ppreżentat l-ebda rikors qabel ir-risposta tagħha, iddeċidiet illi tressaq it-talba tagħha bħala eċċezzjoni preliminari **wara** eċċezzjoni preliminari oħra li ressqet, ossia dik tan-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejnha u bejn il-kumpanija rikorrenti. Il-Qorti, konxja mill-importanza illi l-eċċezzjoni tal-arbitraġġ (u dik ta' warajha dwar il-kompetenza *ratione valoris*) tiġi deċiża l-ewwel u qabel kollox, iddeċidiet kmieni fil-proċeduri illi għandhom jiġu trattati u disposti qabel xejn it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari u dan saħansitra qabel l-ewwel waħda (ossia dik tan-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika). Jista' jitqies illi bl-ewwel eċċezzjoni tagħha l-kumpanija intimata awtomatikament issokkombiet għall-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti ġaladarba qed titlob l-intervent tagħha sabiex tiddeċiedi jekk hemmx relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet? Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan il-punt iżda jidhrilha illi għalkemm kien ikun jagħmel sens ħafna iżjed sens illi l-intimata tressaq l-eċċezzjoni tal-arbitraġġ fil-bidu nett (u mhux tirrelega għat-tielet paragrafu!), il-fatt illi l-eċċezzjoni tal-arbitraġġ tqajjmet, u tqajjmet b'mod preliminari, għandu jkun biżżejjed sabiex anke minkejja li ma ġiex ippreżentat rikors qabel tali risposta, il-Qorti tqis illi l-intimata tixtieq illi tirreferi l-kwistjoni lill-arbitraġġ u b'hekk titlob il-waqfien ta' dawn il-proċeduri. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni preliminari u l-bqija tal-eċċezzjonijiet għandhom jitqiesu li saru mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari prinċipali illi l-proċedimenti għandhom jitwaqqfu sabiex ikompli jisma' l-każ Ċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ.

35. Kif ingħad iktar 'l fuq l-effett tal-Art. 15(3) tal-Kap. 387 m'huwiex illi jwarrab għal kollox il-ġurisdizzjoni tal-Qorti. Anzi, una volta jiġi determinat li parti minn kawża qed titlob il-waqfien tal-proċedimenti, il-Qorti għandha kompitu illi qabel tilqa' t-talba tistħarreġ dwar jekk il-ftehim ta' arbitraġġ ikunx sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla. Dan jinkludi stħarriġ *inter alia* dwar jekk il-każ li jkollha quddiemha l-Qorti ikunx dwar tilwima jew disputa milquta bil-ftehim.

36. Fit-trattazzjoni dwar din l-eċċezzjoni l-abbli avukat difensur tar-rikorrenti sostna illi l-azzjoni tar-rikorrenti għall-ħlas tal-fatturi in kwistjoni ma tinkwadrax ruħha f'disputa jew tilwima li skont il-ftehim għandha tiġi riferuta lill-arbitraġġ. Il-klawżola in kwistjoni tas-*Secondment Agreement* taqra hekk:

> "All disputes or differences which at any time arise between the parties to this Agreement or its construction or effect or the rights, duties, liabilities of the parties under or by virtue of it or otherwise any matter in any way connected with or arising out of the subject matter of this

> Agreement shall be referred to final and binding arbitration at the Malta Arbitration Centre in accordance with Part IV of the Arbitration Act (Cap. 387, laws of Malta)…"

Ftit hemm dubbju illi l-kliem użat huma wesgħin ħafna u jinkorporaw prattikament il-kwistjonijiet kollha li jistgħu jitqanqlu *"connected with or arising out of the subject-matter of this Agreement".*

37. Fis-sentenza diġà ċitata **Glynn Gareth Clews v. Nadia Ahmad Costa et** (PA, Rik 531/2023 MS, deċiż 15/07/2024) il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għamlet riferenza għal dak li ngħad minn Andrew u Keren Tweeddale fil-ktieb "*Arbitration of Commercial Disputes (Oxford, 2005), §5.69*":

> *"The words 'in connection with' are generally given a very broad interpretation and have been held to be sufficiently broad so as to permit claims in tort to be made. These words are also sufficiently broad so as to encompass claims arising during the formation of the contract, such as claims for misrepresentation. They also include claims arising out of a second contract which is related to the contract containing the arbitration clause. In the English case of* Ashville v Elmer *the Court of Appeal stated that the words 'in connection with' covered: "any dispute or difference ... as to any matter or thing of whatsoever nature arising in connection with the contract. I do not find this language either vague or ambiguous. Any dispute or difference unconnected with the parties' contractual relationship is not subject to the arbitration agreement. Any other dispute or difference is. One could imagine disputes which fell close to the line of demarcation and made it difficult to decide whether they were as to matters arising in connection with the contract or not. But the test to be applied to any dispute or difference is a simple one: does this dispute or difference arise as to any matter or thing in connection with the contract or does it not?"*

Il-Qorti kompliet tgħid is-segwenti:

> "Il-kelma «*dispute*» ukoll solitament tingħata tifsira wiesgħa ħafna fil-kuntest tal-ftehim ta' arbitraġġ. «*The current trend appears to be that if parties have made an arbitration agreement to settle disputes then the word 'dispute' should be construed widely so that the matter can be referred to arbitration. The Court of Appeal in* Halki Shipping Corp v Sopex Oils Ltd *held that an indisputable claim, a claim where there was no arguable defence, where for example a claim was admitted as due and payable, was still a dispute ...* Halki Shipping Corp v Sopex Oils Ltd *was applied in* Davies Middleton and Davies Ltd v Toyo Engineering Corp*. In this case Toyo had already agreed to pay certain sums to Davies Middleton and Davies. However the Court of Appeal held that the fact that these sums had not been paid meant that this was also a dispute, which should be referred to arbitration. The tendency of the court to construe the word dispute*

> *broadly is also illustrated by the case of* Al-Naimi v Islamic Press Agency*. In this case it was held that dispute may be a dispute whether the arbitration agreement is relevant to the cause of action*"

38. Fil-każ *de quo* l-fatturi NS 774/23 u NS 835/23 inħarġu għall-ammont dovut għall-assenjament tal-impjegat lill-kumpanija intimata abbażi tas-*Secondment Agreement*. L-aspettanza tar-rikorrenti (dwar min minnhom huwa punt li m'huwiex rilevanti f'dan l-istadju) li jitħallsu abbażi tas-servizzi mogħtija taħt il-ftehim m'hija xejn ħlief xewqa li jeżerċitaw id-dritt għall-ħlas taħt l-istess ftehim bi stennija reċiproka illi l-intimata teżegwixxi l-obbligu tagħha ta' ħlas. Il-kumpanija intimata ma tridx tħallas dawn il-fatturi u dan għar-raġunijiet elenkati fir-risposta tagħha. B'mod ċar għalhekk id-differenzi li nqalgħu bejn il-kontendenti huma dwar "rights, duties and liabilities of the parties … connected with or arising out of the subject matter of this Agreement".

39. Il-Qorti tqis għalhekk illi hija sodisfatta li s-*Secondment Agreement* iffirmat bejn il-kumpanija rikorrenti u l-kumpanija intimata huwa operattiv u għandha tapplika l-klawżola arbitrali li tifforma parti mill-istess ftehim. Darba hija sodisfatta f'dan ir-rigward, il-Qorti hija **<u>tenuta</u>** li tordna l-waqfien ta' dawn il-proċedimenti sabiex min għandu interess iressaq proċeduri t'arbitraġġ jirreferi t-tilwima liċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ.

*Tista' l-Qorti tirreferi parti mit-tilwima u tkompli l-proċeduri dwar il-bqija tal-kawża?*

40. Kif ġa intwera, apparti ż-żewġ fatturi imsemmija li nħarġu għal servizzi relatati mas-*Secondment Agreement,* ir-rikorrenti qed jitolbu ukoll l-ħlas ta' fattura oħra (NS 840/23) li nħarġet għal servizzi relatati mir-rikorrent Scerri abbażi tal-*Engagement Letter* tal-01/11/2019. Il-ftehim tal-aħħar m'għandu l-ebda klawżola arbitrali (anzi jinkludi klawżola li permezz tagħha l-partijiet issottomettew ruħhom għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta). Inoltre, l-kontrotalba ppreżentata mill-kumpanija intimata hija azzjoni għad-danni allegatament ikkawżati mir-rikorrent Scerri bin-nuqqasijiet tiegħu li jagħti s-servizzi skond kif pattwit taħt l-istess *Engagement Letter.*

41. Jidher li ħadd mill-partijiet ma qajjem il-punt dwar jekk il-waqfien tal-proċediment minn din il-Qorti għandux jinkorpora ukoll waqfien tas-smiegħ tal-bqija tal-azzjoni tar-rikorrenti u tal-kontrotalba tal-intimata.

42. Fis-sentenza fl-ismijiet **Fairpark Estates Ltd and others v Heals Property Developments Ltd [2022]**[15], il-*High Court Ingliża* qalet *inter alia* illi:

> "the Judge was wrong to so conclude in that there is no authority for the proposition that a stay of part only of the proceedings cannot be awarded… There is no reason, in principle, why a party may not (assuming he has debarred himself as respects one element of the claim) seek a stay under s.9 as regards the other elements. If he does so, he should be entitled to a stay for the part which he has not lost the right to seek a stay for. To construe the 1996 Act, without clear authority requiring this, in contrary manner (as the Judge did), is to fail to give effect to the "spirit of the Act", its "ethos", and to the fact that "Parliament did not intend that rights to seek to refer disputes to arbitration should be lost with undue ease" … An application may be made to stay some part of legal proceedings, even where other parts are not subject to an agreement to arbitrate. It may be found that Claim A in the case is caught by the clause while Claim B is not. If so, only Claim A is stayed, and the question will then arise as to whether Claim B should be the subject of a case management stay pending the arbitration. There is no authority that only part of a case be stayed where the whole of the case is caught by the arbitration agreement… In accordance with the principle of contractual freedom, there is no reason why parties should not be free to agree that some elements of their dispute that would otherwise be covered by an arbitration agreement be resolved through court proceedings whilst other elements of their dispute be resolved by arbitration"

43. Fil-każ in eżami, ftit iktar minn żewġ terzi tal-ammont totali mitlub mir-rikorrenti jirrappreżenta prezz ta' servizzi mogħtija taħt ftehim li issa t-tilwima dwaru ser tiġi riferuta lill-arbitraġġ. Għandha l-Qorti twaqqaf il-kawża sħiħa meta terz tal-ammont mitlub mir-rikorrenti u l-kontrotalba tal-intimata jaqgħu b'mod ċar taħt il-kompetenza ta' din il-Qorti.

44. Dwar il-kontrotalba tal-intimata, l-Art. 397 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> **'397. L-effett tal-kontro-talba, rigward il-proċedura, huwa dak li dwar it-talba oriġinali u l-kontro-talba jsir proċess wieħed u li ż-żewġ talbiet jiġu deċiżi fl-istess kawża.'**

L-awtonomija tal-kontrotalba toħroġ ukoll mill-Art. 401 li jgħid hekk:

[15] *EWHC 496 (Ch)*

> **'401. Jekk, f'kawża li fiha l-konvenut jipproponi l-kontro-talba, l-attur jirrinunzja b'xi mod li jkun għall-atti, il-konvenut jista' dejjem jitlob li tiġi deċiża l-kontro-talba miġjuba 'l quddiem skont il-liġi.'**

Filwaqt li m'hemm l-ebda regola illi l-kontrotalba tiġi disposta wara li tkun ġiet trattata t-talba oriġinali, l-prassi stabbilita ormai hija illi wara li l-partijiet jressqu l-provi tagħhom dwar it-talbiet attriċi, imbagħad jagħmlu l-istess fir-rigward tal-kontrotalba tal-konvenut sabiex finalment wara li ssir it-trattazzjoni finali, il-Qorti tgħaddi għal sentenza waħda ossia' ġudizzju wieħed li jkun jinkorpora d-deċiżjoni tal-Qorti kemm dwar it-talba u kemm dwar il-kontrotalba.

45. Fil-każ in eżami l-intimata ressqet ukoll bħala waħda mill-eċċezzjonijiet tagħha fil-mertu l-eċċezzjoni illi l-ammont li jista' jiġi stabbilit li huwa dovut minnha għandu jiġi paċut mal-ammont dovut lilha abbażi tad-difiża u tal-kontrotalba tagħha illi xi servizzi ma ngħatawx "skont il-kwalità pattwita".

46. Il-Qorti fiċ-ċirkustanzi tqis li ftit li xejn ikun jagħmel sens, anke għall-ekonomija tal-ġudizzju, illi twaqqaf il-proċediment biss fir-rigward ta' parti mill-azzjoni tar-rikorrenti u tkompli fir-rigward tal-bqija tal-azzjoni u tal-kontrotalba u dan mhux biss għaliex minn dak li ġie ppreżentat sa' issa jidher illi diversi fatti li jsawwru l-azzjoni tar-rikorrenti jistgħu jkunu komuni ma', jew jikkoinċidu, mal-fatti li jsawwru l-kontrotalba, iżda ukoll għaliex bħala prinċipju l-kontrotalba m'għandhiex tiġi disposta qabel l-azzjoni oriġinali għalkemm hija indipendenti minnha.

47. Għalhekk il-Qorti sejra tissospendi l-proċediment sabiex min għandu interess jagħmel hekk, iressaq it-tilwima fir-rigward tal-ammont ta' € 3,845.92 rappreżentat mill-fatturi esebiti bħala Dok EL2 u Dok EL4 mar-rikors promotur, quddiem iċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ, taħt il-kundizzjonijiet li sejrin jiġu elenkati fid-*decide.*

48. Il-Qorti sejra ukoll tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza dwar it-tielet eċċezzjoni (ossia l-eċċezzjoni preliminari ta' nuqqas ta' kompetenza *ratione valoris*) u tissoprassjedi sakemm tali tilwima tiġi deċiża b'mod definittiv u jiġi ppreżentat rikors lilha għat-tkomplija tal-proċeduri inkluż il-kontrotalba tal-intimata.

**Deċiżjoni**

49. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li qegħda tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni preliminari, qegħda tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari, ossia dik tal-arbitraġġ, imqajjma mill-kumpanija intimata fis-sens segwenti u limitatament kif ġej:**

1. **Il-Qorti tordna lil min għandu interess iressaq proċeduri t'arbitraġġ sabiex jagħmel dan fir-rigward tal-ammont ta' € 3,845.92 rappreżentat mill-fatturi esebiti bħala Dok EL2 u Dok EL4 sa' mhux aktar tard minn xahar millum,**

2. **Il-Qorti qegħda tissoprasjedi pendenti l-eżitu tal-proċeduri tal-arbitraġġ, b'dan illi t-termini maħsuba fl-artikolu 964 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għar-riappuntament tal-kawża (fuq talba magħmulha lill-Qorti b'rikors) jibdew jiddekorru meta l-proċeduri t'arbitraġġ jiġu magħluqa b'mod definittiv, jew inkella mal-għeluq tat-terminu ta' xahar f'każ li l-proċeduri t'arbitraġġ ma jiġux istitwiti.**

3. **Il-Qorti tordna lil min se jressaq il-proċeduri t'arbitraġġ sabiex jesebixxi kopja awtentika tal-avviż tal-arbitraġġ u tat-talba bil-miktub, u fin-nuqqas li dawn id-dokumenti jiġu esebiti fi żmien xahar millum, tirriserva li tqis li l-proċeduri t'arbitraġġ jkunu ma sarux.**

**L-ispejjeż ta' din is-sentenza huma a karigu tar-rikorrenti.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |